**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 209/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Carmen Camilleri**
**(ID 28369(G))**

**Illum, 29 ta’ Marzu 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputata **Carmen Camilleri** ta’ 42 sena, imwielda Rabat, Għawdex fil-25 ta’ Frar 1969, bint Joseph Camilleri u Ester nee` Mercieca, residenti Nru. 61, Limestone Court, Flat 7, Triq il-Wied, Mosta u detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 28369(G);

Akkużata talli fl-20 ta’ Jannar 2011 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gżejjer:

1. Biegħet jew xort’oħra traffikat fir-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew f’xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, **liema reat ġie kommess fi jew ġewwa distanza ta’ mitt metru mill-perimetru ta’ skola, klabb jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor fejn normalment**

**jiltaqgħu ż-żgħażagħ skont l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga kokaina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew għal persuna jew persuni mingħajr ma kellha liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga msemmija, mingħajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellha liċenzja li tipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament numru 4 tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema reat ġie kommess fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ skont l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Kellha fil-pussess tagħha r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha**;

4. Kellha fil-pussess tagħha l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), datat 13 ta' Mejju

2011, sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tat-30 ta' April 2014;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa fil-kawża sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta[2];

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Wara illi l-Pulizija ottjeniet informazzjoni fis-sens illi seta' kien qed isir traffikar u użu tad-droga ġewwa l-każin tal-Partit Nazzjonalista tal-Mosta, **l-Ispettur** (illum Supretendent) **Johann J. Fenech** indaga dwar min kien qed imexxi l-*bar* tal-istess każin, u sar jaf illi waħda minn dawn kienet l-imputata odjerna. Għalhekk huwa talab il-ħruġ ta' mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-istess imputata, liema mandat ġie esegwit nhar l-20 ta' Jannar 2011. Jirriżulta illi waqt tfittxija li saret fir-residenza tal-istess imputata ġewwa l-Mosta, fuq skorta tal-istess mandat, instabu oġġetti relatati mad-droga, ossia miżien diġitali, biċċiet tal-*foil,* numru ta' boroż u żewġt iskieken bix-xafra maħruqa, kif ukoll diversi biċċiet tar-raża tal-*cannabis*, uħud imgeżwrin fil-*foil* u biċċa oħra ta' daqs iżjed sostanzjali, fil-plastik. Mill-pussess tal-istess imputata ġew elevati wkoll żewġ *mobile phones*[3]. Jirriżulta wkoll illi l-imputata rrilaxxjat stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar il-21 ta' Jannar 2011, wara li ngħatat is-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll il-jedd li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, liema jedd hija għażlet li ma teżerċitahx.[4] Dwar il-każ saret inkjesta mill-Maġistrat Dr. Marse-Ann Farrugia, li ħatret diversi esperti sabiex jassistuha ossia lix-Xjenzat Godwin Sammut, lil Dr. Martin Bajada u lil PS 612 Theo Vella u PS 186 Kristian Mintoff[5]. Bħala parti mill-investigazzjoni, ġie elevat ukoll *recorder* konness ma' *CCTVs* mill-każin tal-Partit Nazzjonalista, li ġie esebit fl-atti

---

[1] A fol. 4 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 102 tal-proċess.
[3] Dawn ġew esebiti fl-atti proċesswali mill-espert Dr. Martin Bajada u mmarkati bħala Dok. MB 2.
[4] Din l-istqarrija tinsab esebita bħala Dok. JF 1, a fol. 12 sa 14 tal-proċess.
[5] Ara l-proċess verbal dwar "*Sejba ta' droga ghand Carmen Camilleri gewwa l-Mosta nhar l-20 ta' Jannar, 2011*", esebit a fol. 66 tal-proċess bħala Dok. JM 1.

mill-Uffiċjal Prosekutur.[6] Fir-rigward, il-Qorti tinnota illi dan ir-*recorder* jew il-*footage* li semmai seta' jirriżulta minnu, baqa' ma ġiex analizzat.

Mir-relazzjoni konġunta ta' **PS 612 Theo Vella** u **PS 186 Kristian Mintoff**, maħtura bħala *Scene of Crime Officers* fil-mori tal-istess inkjesta, jirriżulta illi mill-fond residenzjali tal-istess imputata ġew elevati s-segwenti oġġetti:

i. *Evidence bag* bin-numru C000729231 kontenenti żewġt iskieken bix-xafra maħruqa (kodiċi tal-Laboratorju Forensiku - Dok. 11 AFB 01);

ii. *Evidence bag* bin-numru C000729230 kontenenti kaxxa bi kliem *Salter* b'miżien ġo fih u tliet biċċiet *foil* kbar (Dok. 11 AFB 02);

iii. *Evidence bag* bin-numru C000729229 – 4 kontenituri li kien fihom:

- landa ta' lewn safra bi kliem *Fossil* bi tlettax-il biċċa blokka suspettata droga (12 imgeżwra fil-*foil* u 1 kannella);

- kaxxa ta' lewn blu skur b'biċċa blokka kbira ta' lewn kannella, xi boroż żgħar u xi kartun żgħir imqatta';

- landa ta' lewn sewda bil-kliem GMV b'xi pakketti ta' lubretti u ammont żgħir ta' sustanza kannella suspettata droga;

- *pouch* ta' lewn iswed b'xi oġġetti suspettati li jintużaw mal-abbuż tad-droga (Dok. 11 AFB 03).[7]

Mir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, li kif ingħad ġie maħtur bħala espert fl-inkjesta dwar dan il-każ, jirriżulta illi huwa ngħata s-segwenti oġġetti għall-analiżi tiegħu:

i. *Evidence bag* bin-numru C000729231 li kien issiġillat u ffirmat u li kien fih: (i) karta bil-kliem Data: <u>20/01/11</u> Ħin: <u>15:00hrs</u> Elevat/i minn <u>ġol-kexxun tal-kċina</u> fil-presenza ta' <u>Carmen Camilleri ID: 28369(G)</u> minn

---

[6] Ara x-xhieda tal-**Ispettur Johann J. Fenech**, a fol. 7 sa 11 tal-proċess; ix-xhieda ta' **PS 1044 Gordon Calleja**, a fol. 15 u 16 tal-proċess; ix-xhieda ta' **PC 365 Malcolm Grixti**, a fol. 17 u 18 tal-proċess; ix-xhieda ta' **PC 1348 Joseph Campbell**, a fol. 19 u 20 tal-proċess u x-xhieda ta' **WPC 297 Leanne Spiteri**, a fol. 21 sa 25 tal-proċess.

[7] Ara r-relazzjoni konġunta ta' **PS 612 Theo Vella** u **PS 186 Kristian Mintoff**, esebita bħala Dok. TV, a fol. 69 tal-proċess. L-oġġetti deskritti jidhru fotografati fir-ritratti meħuda minn **PS 186 Kristian Mintoff** fil-faxxikolu fotografiku formanti parti mill-istess relazzjoni. Ara wkoll ix-xhieda ta' **PS 612 Theo Vella** (a fol. 67 u 68 tal-proċess) u x-xhieda ta' **PS 186 Kristian Mintoff** (a fol. 90 u 91 tal-proċess).

PS1044, PC365, PC1348, WPC297 u żewġt iskieken b'xi tiċpis ta' lewn iswed u kannella. Dan id-dokument ġie mogħti l-kodiċi tal-laboratorju 027_11_01;

ii. *Evidence bag* bin-numru C000729230 li kien issiġillat u ffirmat li kien fih: (i) karta bil-kliem Data: 20/1/11 Ħin: 14:40hrs Elevat/i minn ġol-cupboard taħt il-forn fil-preżenza ta' Carmen Camilleri ID: 28369(G) minn PS1044, PC365, PC1348, WPC297, 3 biċċiet *aluminium foil* vojta u kaxxa li fiha miżien ta' lewn iswed bil-kliem *SALTER* u li jaħdem (kodiċi tal-laboratorju 027_11_02);

iii. *Evidence bag* bin-numru C000729229 li kien issiġillat u ffirmat li fih: (i) borża tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem Data: 20/01/11 Ħin: 14:30hrs Elevat/i minn fuq il-*fireplace* fil-preżenza ta' Carmen Camilleri ID: 28369(G) minn PC1348, PC365, PC1044, WPC297 u *kit* ta' lewn iswed li fih mera, *spatula*, ħadida u *blade* (ii) borża tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem Data: 20/01/11 Ħin: 14:45hrs Elevat/i minn ġol-portmoni fil-preżenza ta' Carmen Camilleri ID: 283269(G) minn PC1348, PC365, PC1044, WPC297 u sustanza ta' lewn kannella (iii) borża tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem Data: 20/01/11 Ħin: 15:00hrs Elevat/i minn fuq il-mejda tal-kċina fil-preżenza ta' Carmen Camilleri ID: 283269(G) minn PC 1348, PC365, PC1044, WPC 297 u landa tal-ħadid ta' lewn iswed bil-kliem GMV GIANMARCOVENTURI li fiha sustanza ta' lewn kannella, karti tas-sigaretti, biċċa *aluminium foil* u pinzetta (iv) borża tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem Data: 20/01/11 Ħin: 14:50hrs Elevat/i minn ġol-cupboard tal-kċina fil-preżenza ta' Carmen Camilleri ID: 28369(G) minn PC1348, PC365, PC1044, WPC297, (b) kaxxa ta' lewn blu li fiha sustanza ta' lewn kannella u diversi boroż żgħar tal-plastik trasparenti vojta (ċ) landa tal-metall bil-kliem *FOSSIL* li fiha tnax-il biċċa sustanza ta' lewn kannella ġo *aluminium foil* u sustanza oħra ta' lewn kannella (kodiċi tal-laboratorju 027_11_03).

Illi l-istess espert ikkonkluda s-segwenti dwar dawn id-dokumenti:

"(a) **Illi fuq *swabs* meħuda mis-skieken u mill-miżien li hemm fid-dokument 027_11_01 instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* sustanza li tiġi mill-pjanta tal-Kannabis. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.**

(b) **Illi fl-estratti meħud mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 027_11_01, nstabet is-sustanza *__Tetrahydrocannabinol__* sustanza li tiġi mill-pjanta tal-Kannabis. Il-piż total tas-sustanzi kien ta' __195.54 grammi__ u l-purita` kienet ta' ċirka 8.0%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta."**[8]

Illi in oltre mill-istess relazzjoni jirriżultaw ukoll il-piżijiet rispettivi tas-sustanzi ta' lewn kannella.[9]

Mir-relazzjoni tal-espert **Dr. Martin Bajada**, ukoll maħtur bħala espert fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ, jirriżulta illi huwa ngħata żewġ *mobile phones* għall-analiżi tiegħu – ossia Nokia 6120 u SIM *card* tas-soċjeta` Melita Malta (li fir-relazzjoni tiegħu huwa jimmarkahom bħala Dok. MB1) u LG KF510 u SIM *card* tas-soċjeta` Vodafone Malta (li fir-relazzjoni tiegħu huwa jimmarkahom bħala Dok. MB2). L-informazzjoni estratta mill-istess espert minn fuq Dok. MB 1 u Dok. MB 2 tinsab annessa mar-relazzjoni tiegħu.[10]

Illi fl-atti proċesswali ġie esebit ukoll proċess verbal ieħor dwar "*Xhieda guramentata ta' Emanuel Vella u ta' Michael Cassar mehuda fit-23 ta' Jannar 2011*".[11] Minn dan il-proċess verbal jirriżulta illi **Emanuel Vella** irrilaxxja żewġ stqarrijiet lill-Pulizija Eżekuttiva, waħda nhar it-2 ta' Awwissu 2010, u oħra nhar it-23 ta' Jannar 2011[12], u illi **Michael Cassar** ukoll irrilaxxja żewġ stqarrijiet fl-istess

---

[8] Il-Qorti tinnota illi għalkemm l-espert jindika fil-konklużjoni tiegħu ossia fil-paragrafi (a) u (b) hawn fuq ċitati, illi s-skieken u l-miżien kienu fid-dokument 027_11_01, kif ukoll illi s-sustanzi ta' lewn kannella li ġew analizzati minnu wkoll kienu fl-istess dokument 027_11_01, kif jidhru wkoll indikati dawn l-oġġetti u s-sustanzi fit-tabella tar-riżultati f'paġna 5 tar-relazzjoni tiegħu u dan fis-sens illi dawn kollha jidhru ndikati bil-kodiċi 027_11_01, madankollu jirriżulta ċar minn paġni 2 sa 4 tar-relazzjoni tiegħu illi kienu biss iż-żewġt iskieken li ngħataw dan il-kodiċi mill-istess espert. Mill-bqija l-miżien ingħata l-kodiċi tal-laboratorju 027_11_02, filwaqt illi r-rimanenti oġġetti, fil-maġġor parti sustanzi, ingħataw il-kodiċi tal-laboratorju 027_11_03. Minkejja din id-diskrepanza fir-relazzjoni tal-espert, madankollu, huwa evidenti mit-tabella f'paġna 5 tar-relazzjoni, illi s-sustanzi li ngħataw il-kodiċi 027_11_03 (għalkemm anke hawn jidhru indikati bil-kodiċi 027_11_01) irriżultaw kollha fil-pożittiv għas-sustanza *Tetrahydrocannabinol.* In oltre mid-deskrizzjoni mogħtija f'din il-paġna, wieħed jista' faċilment jifhem għal-liema sustanzi kien qed jirreferi l-espert, kif ukoll illi dawn kienu fil-fatt l-istess sustanzi li nstabu fil-pussess tal-imputata. Dan għaliex id-deskrizzjoni tal-oġġetti analizzati mill-esperti, f'paġna 2 sa 4, tikkombaċja kemm mal-oġġetti elevati minn PS 612 Theo Vella, kif iffotografati minn PS 186 Kristian Mintoff, kif ukoll mal-oġġetti deskritti mill-Uffiċjali tal-Pulizija li esegwew it-tfittxija fir-residenza tal-imputata.

[9] Ara r-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, a fol. 6 *et seq* tal-proċess verbal esebit a fol. 66 tal-proċess. Ix-Xjenzat Godwin Sammut ikkonferma r-relazzjoni tiegħu fix-xhieda tiegħu tat-12 ta' Marzu 2012 (a fol. 27 u 28 tal-proċess).

[10] Ara din ir-relazzjoni a fol. 31 *et seq* tal-proċess.

[11] Ara dan il-proċess verbal a fol. 66 tal-proċess.

[12] Ara Dok. JF 1, a fol. 7 u 8 tal-proċess verbal esebit a fol. 66 tal-proċess u Dok. JF 2, a fol. 9 u 10 tal-istess proċess verbal.

dati[13]. Jirriżulta in oltre illi nhar it-23 ta' Jannar 2011, l-istess Emanuel Vella u Michael Cassar ikkonfermaw l-istqarrijiet rispettivi tagħhom bil-ġurament quddiem il-Maġistrat (illum l-Onor. Imħallef) Dr. Edwina Grima.[14]

L-istess **Emanuel Vella** u **Michael Cassar** xehdu wkoll f'dawn il-proċeduri, fejn għarfu lill-imputata bħala l-persuna li mingħandha kienu xtraw id-droga li nstabet fil-pussess tagħhom.[15]

Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri[16], **Emanuel Vella** jixhed is-segwenti:

- Il-każ tiegħu inqata', iżda huwa ma xtaqx jixhed.

- Mistoqsi kemm kien ilu jaf lill-imputata, jgħid illi xi sentejn jew tliet snin u illi jafha wara l-*bar* tal-każin tal-Partit Nazzjonalista tal-Mosta.

- Huwa kien juża l-kokaina u r-raża tal-*cannabis*. Il-kokaina rari kien jieħu minnha, iżda f'okkażżjonijiet bħal Milied jew l-Ewwel tas-Sena u r-raża kien jużaha fil-*weekend*.

- Huwa kien juża d-droga fuq sentejn qabel. Dak iż-żmien kien iħallas €25 għal biċċa ta' "*forsi ... three centrimetres (3cm) by one centimetre (1cm), ma nafx, piżijiet ma nafx*"[17] u ma kienx ipejjep bl-istess mod, ġieli fil-*weekend*, u ġieli meta ma jkunx xogħol stante li fil-*weekend* ġeneralment kien ikun xogħol għaliex jaħdem bħala *chef*.

- Kien jixtri gramma kokaina, li għaliha kien iħallas €70.

- Kien jixtri mingħand il-persuna li semma' fl-istqarrija, mill-każin tan-Nazzjonalisti tal-Mosta. Hemmhekk kienet taqdih Carmen Camilleri ossia l-imputata.

- Dan ġara darba biss. Mingħand Camilleri xtara borża kokaina u xi raża tal-*cannabis*.

---

[13] Ara Dok. JF 4, a fol. 12 u 13 tal-istess proċess verbal u Dok. JF 5, a fol. 14 u 15 tal-proċess verbal.
[14] Ara a fol. 17 sa 22 tal-proċess verbal.
[15] Ara x-xhieda in eżami ta' **Emanuel Vella**, a fol. 70 sa 80 tal-proċess u x-xhieda tiegħu in kontro-eżami, a fol. 129 sa 157 tal-proċess, kif ukoll ix-xhieda in eżami ta' **Michael Cassar**, a fol. 82 sa 88 tal-proċess u x-xhieda tiegħu in kontro-eżami, a fol. 108 sa 128 tal-proċess.
[16] Ix-xhud xehed in eżami fid-9 ta' Ottubru 2012.
[17] A fol. 75 tal-proċess.

- Ma jiftakarx id-data meta dan seħħ għaliex kien għadda wisq żmien, għalkemm jaħseb li dan kien f'Lulju 2010.

- Camilleri kienet taħdem wara l-*bar*.

- Mistoqsi kif kien jaf illi jekk imur għandha jinqeda, huwa jgħid illi ġieli kien imur jieħu *drink* hemmhekk u illi n-nies jitkellmu.

- Huwa kkonferma l-istqarrijiet rilaxxjati minnu fit-2 ta' Awwissu 2010 u fit-23 ta' Jannar 2011.

Fl-ewwel stqarrija tiegħu tat-2 ta' Awwissu 2010, **Emanuel Vella** stqarr is-segwenti:

- Il-*joints* u l-kokaina li nstabu wara tfittxija fuqu u fuq Michael Cassar, kienu tagħhom it-tnejn u li dawn kienu xtrawhom mill-Mosta.

- Għall-kokaina ħallsu €70 u għal tliet *joints* xi €20. Il-*joints* għamluhom huma stante li xtraw biċċa raża.

- Mistoqsi meta xtrawhom, jgħid illi jaħseb illi kien il-Ġimgħa, u illi kienu l-każin tal-Partit Nazzjonalista.

- Ma jafx x'jisimha l-persuna mingħand min xtrawhom, iżda kienet mara li għandha naqra żmien, fuq l-erbgħin tidher, samra bix-xemx, irqieqa ħafna u żgħira fit-tul.

- Mistoqsi kemm kien ilu fuq il-ħaxixa, jgħid illi ġieli ħa xi wieħed 'l hemm u 'l hawn, qisu xi sena b'kollox.

- Dwar il-kokaina, jgħid illi uża minnha fl-Ewwel tas-Sena ta' qabel u dik ta' qabilha ossia f'okkażjoni.

- Is-soltu kien jixtri l-ħaxixa mingħand wieħed minn B'Kara, iżda ma kienx jaf jismu.

Fit-tieni stqarrija tiegħu tat-23 ta' Jannar 2011, **Emanuel Vella** stqarr hekk:

- Huwa jikkonferma illi kien ġie arrestat wara li fuqu nstabu xi *joints* u kokaina, u mistoqsi x'kellu fil-pussess tiegħu, jgħid illi fuqu ma nstab xejn, iżda Michael [Cassar] kellu tliet *joints* u doża kokaina, li kienu se jaqsmuhom.

- Huma kienu xtraw blokka żgħira tal-*cannabis* u minnha ħarġu tliet *joints*.

- Il-flus ħarġuhom it-tnejn f'daqqa u qasmu d-differenza.

- Dawn xtrawhom fit-30 ta' Lulju 2010.

- Dwar il-mara li xtraw id-droga mingħandha, fittex fuq *Facebook* u sar jaf li jisimha Carmen Camilleri.

- Meta xtraw id-droga, din kienet wara l-*bar*. Kienu qed jitkellmu bejniethom fuq il-*boat party* li kienu se jattendu, marret tkellimhom u staqsiethom kellhomx bżonn xi ħaġa. Fil-fatt hi tathom biċċa raża u borża kokaina.

- Minn dakinhar ma reġgħux xtraw mingħandha.

- Dwar il-persuna li kien xtara l-ħaxixa mingħandu minn B'Kara, kellu n-numru tal-*mobile* tiegħu, iżda ħassru. Kien jaqdih bil-mixi, iżda ma kien jaf xejn iżjed fuqu għax għadda ż-żmien.

Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima, **Emanuel Vella** jikkonferma l-kontenut tal-istqarrijiet tiegħu. Huwa jagħraf lill-persuna li mingħandha akkwistaw id-droga fir-ritratt esebit fil-proċess verbal bħala Dok. JF 3.[18] Dan ir-ritratt juri lill-imputata odjerna.

Fil-kontro-eżami tiegħu[19], l-istess **Emanuel Vella** jixhed hekk:

- Ġie arrestat xi sitt snin qabel, f'Awwissu 2010, minn Kemmuna, waqt li kien ma' Michael [Cassar].

- Kienu qegħdin *boat party* ma' grupp ta' nies tax-xogħol fejn kien jaħdem hu, iżda dak il-ħin kienu waħedhom.

---

[18] Ara a fol. 11 tal-proċess verbal.
[19] Ix-xhud xehed in kontro-eżami fl-4 ta' Marzu 2016.

- Fil-pussess tiegħu ma nstab xejn. Huwa tressaq il-Qorti dwar pussess ta' droga u weħel multa.

- Id-droga kienet tiegħu u ta' Michael, iżda kien qed iżommha Michael.

- Id-droga nxtrat minnhom it-tnejn, f'daqqa, waqt li kienu flimkien, mill-każin tal-Mosta.

- Ma jiftakarx kemm ħallsu għad-droga għax għadda ż-żmien. Il-flus ħarġuhom bejniethom.

- Huma xtraw blokka u xi kokaina. Kellhom gramma kokaina u biċċa raża.

- Mistoqsi minn żamm is-sustanza, jgħid illi "*uzajnieha*" u wara mistoqsi minn żammha dak il-ħin li nxtrat jgħid illi ma jiftakarx. Lanqas ma jiftakar kif għaddiet għand Michael. Michael kien qed iżomm id-droga għax kienet tagħhom it-tnejn. Sa fejn jiftakar hu, dejjem kienet għand Michael u ma jidhirlux li qatt kienet għandu.

- Ma jaħsibx li kienu laħqu kkunsmaw minnha meta nqabdu mill-Pulizija.

- Ma jiftakarx kemm qabel il-*boat party* kienu xtraw id-droga.

- Mistoqsi kemm kien imur il-każin tal-Mosta, jgħid illi ma jiftakarx kemm kien imur u għadda ħafna żmien u mistoqsi kienx imur spiss jgħid li ma kienx imur ta' spiss għaliex ma tantx joħroġ.

- Dak iż-żmien kien jixtri ftit droga "*naqra kultant*"[20].

- Ma kinitx l-unika darba li mar il-każin tal-Mosta. Ġieli mar drabi oħra. Lill-imputata "*Hemm hekk gieli rajtha biss*"[21].

- Meta ġie ssuġġerit lilu illi kien imur il-każin tlieta jew erba' darbiet fil-ġimgħa, huwa jgħid illi ma kienx imur daqstant ta' spiss għax jaħdem. Drabi kien imur darba fil-ġimgħa u drabi xejn.

- Ma kienx jaf x'jisimha l-persuna li mingħandha xtara d-droga.

[20] A fol. 113 tal-proċess.
[21] A fol. 114 tal-proċess.

- Wara l-ewwel stqarrija, il-Pulizija bagħtu għalih il-Furjana u staqsewh xi domandi. Fl-ewwel stqarrija, huwa kien qal illi ma kienx jaf x'jisimha l-persuna li mingħandha akkwistaw id-droga, għax hu ma kienx jaf. Qabel it-tieni stqarrija, Michael Cassar fittex x'jisimha u għalhekk sar jaf.

- Mistoqsi fejn fittex Cassar, huwa jwieġeb "*Staqsi lilu mela lili!*"[22] u "*Jien minix Michael Cassar*" u meta rinfaċċjat bil-fatt illi fl-istqarrija huwa kien qal li kien fittex fuq *Facebook* u sar jaf li jisimha Carmen Camilleri, huwa jwieġeb li jixtieq jirrispondi, iżda kien għadda ż-żmien u ma jiftakarx. Wara jgħid illi hu u Michael kienu flimkien meta Michael fittex fuq *Facebook*. Michael beda jfittex, għalkemm ma ftakarx eżatt x'għamel, u sab il-*profile* li fih kien hemm isem, kunjom u ritratt, li huwa rah fuq l-i*screen*.

- Ma jafx jekk hu u Michael irċevewx mingħand il-Pulizija fl-istess jum biex imorru fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, iżda kienu marru flimkien fl-istess jum. Kienu tkellmu bejniethom għax kienu jiltaqgħu. Huma kienu qed jistennew li l-Pulizija jerġgħu jibagħtu għalihom għax il-Pulizija kienu qalulhom b'dan. Mistoqsi x'wassal sabiex ifittxu fuq *Facebook* dwar l-imputata, jgħid illi hu u Michael tkellmu bejniethom fis-sens illi "*jekk jistaqsu x'ser nirrispondu u b'hekk tfittex hux*".[23]

- Mistoqsi jekk meta ġie arrestat, kinux qalulu li se jitressaq il-Qorti, jgħid li ma jiftakarx u li l-Ispettur qallu li kien se jisma' mingħandhom. Skont hu, bil-fors trid titressaq il-Qorti, imma ma ftakarx jekk qalulux li kien se jitressaq.

- Dwar ir-ritratt li ġie muri, jgħid li mingħalih kien intwera xi ritratti l-Qorti. Ma jiftakarx kemm il-ritratt ġie muri, iżda jaħseb li iżjed minn wieħed. Wara jgħid li urewh ritratt jew ritratti, u safejn jaf hu u sa fejn jiftakar, iżjed minn ritratt wieħed.

- Lill-imputata jgħarafha fl-awla. Jgħid illi jgħarafha għax baqa' jaraha il-Mosta.

Fix-xhieda tiegħu in eżami f'dawn il-proċeduri[24], **Michael Edward Cassar** jixhed is-segwenti:

---

[22] A fol. 126 tal-proċess.
[23] A fol. 130 tal-proċess.
[24] Huwa xehed fit-3 ta' Novembru 2012.

- Il-każ tiegħu dwar pussess f'Awwissu 2010, kien ġie deċiż.

- Lil Carmen Camilleri jafha di vista. Jafha għax kien imur il-każin tan-Nazzjonalisti tal-Mosta u hija kienet tkun wara l-*bar*.

- Dakinhar huwa kien mal-ħabib tiegħu, Manwel Vella, li l-każ tiegħu ġie deċiż ukoll.

- Kienu mal-*bar*, ordnaw xi birra, kienu qed jitkellmu għax kellhom *boat party* tax-xogħol u kienu qed jgħidu x'ħa jħawdu. Carmen resqet lejhom, marret tkellimhom u staqsiethom jekk ridux xi ħaġa ossia droga. Huwa kien magħruf li jieħu d-droga f'okkażżjoni u allura l-affarijiet imxew minn hemm. Carmen semgħethom jitkellmu għax kienet qed tiftaħ xi xorb. Huma wieġbuha fl-affermattiv u xraw biċċa *coke* u biċċa *smoke* mingħandha. Ħallsu €70 għall-kokaina u €25 għall-i*smoke*. Id-droga marret iġġibha minn xi mkien, jaħseb li mill-każin stess, iżda ma tax każ minn fejn.

- Il-kokaina kienet f'borża tal-plastik u r-raża kienet fil-*foil*. Mistoqsi dwar l-ammonti, jgħid illi "*tal-coke nghidulha gramma, imma bil-preciz ma nkunx naf x'fiha*" u bħala *smoke* jidhirlu li kien hemm bejn żewġ u tliet ċentimetri.

- Huwa kien jieħu r-raża u f'xi okkażjoni, per eżempju, *birthdays* u fl-Ewwel tas-Sena, kien jieħu kokaina wkoll.

- Huwa jagħraf lill-imputata fl-awla bħala Carmen Camilleri.

- Apparti dakinhar qatt ma talabha xejn. Sar jafha l-ewwel darba dakinhar.

- Ma jiftakarx min ingħata d-droga ossia jekk hux hu jew Vella, iżda jaf li qasmu l-prezz bejniethom.

- Id-droga kienu wżawha l-Ħadd, il-*boat party*. Huma xtrawha l-Ġimgħa.

- Huwa kkonferma ż-żewġ stqarrijiet li kien irrilaxxja lill-Pulizija.

Fl-ewwel stqarrija tiegħu tat-2 ta' Awwissu 2010, **Michael Cassar** stqarr is-segwenti:

- B’referenza għall-*joints* u għall-kokaina li nstabu wara tfittxija fuqu u fuq Emanuel Vella, huwa jgħid illi dawn kienu tiegħu, li hu u Vella qasmu l-ispejjeż u xtrawhom flimkien.

- Ħallsu €70 għall-kokaina u €25 għal tliet *joints*.

- Dawn xtrawhom il-Ġimgħa.

- Kien ilu jieħu d-droga sentejn, iżda mhux b’mod regolari. Huwa juża l-i*smoke* ossia l-*cannabis*.

- Xtraw il-kokaina għax kellhom *boat party* tax-xogħol.

- Ma jafx x’jisimha l-persuna li xtraw mingħandha, iżda kienu l-każin tal-Partit Nazzjonalista tal-Mosta.

- Kienu mal-*bar*, kienu qed jitkellmu magħha, u hi offrietilhom jekk riedux xi ħaġa. Huma xtraw peress illi kellhom il-*boat party*.

- Qabel kien jixtri mingħand wieħed mill-Gudja, ċertu Ċikonja. Iżda kien ilu li qata’.

- Mid-droga li kellhom, huwa ħa mill-kokaina.

Fit-tieni stqarrija tiegħu tat-23 ta’ Jannar 2011, **Michael Cassar** stqarr is-segwenti:

- Jikkonferma li kien ġie arrestat wara li fuqu nstabu xi *joints* u kokaina.

- Kellu tliet *joints* u doża kokaina. Iddeċidew li jixtruhom flimkien hu u Emanuel Vella sabiex jikkunsmawha flimkien.

- Xtraw blokka żgħira tal-*cannabis* u minnha ħarġu tliet *joints*.

- Ħarġu l-flus it-tnejn f’daqqa u qasmu d-differenza.

- Minn dakinhar ma reġax resaq lejn il-każin tan-Nazzjonalisti tal-Mosta.

- Ilbieraħ sar jaf li l-mara li mingħandha xtraw id-droga jisimha Carmen Camilleri wara li fittxew fuq *Facebook*. Fuq *Facebook* ra wiċċha wkoll.

- Din offriet id-droga lilhom it-tnejn. Offrietilhom *coke* u *smoke*. Huma jmesshom kienu jafu għax dak il-post kellu l-fama.

- Dwar iċ-Ċikonja li semma fl-ewwel stqarrija, jgħid li dan kellu bejn tletin u erbgħin sena, u li kien għadda ftit taż-żmien u ma jiftakarx fuqu.

Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima, **Michael Cassar** jikkonferma l-kontenut tal-istqarrijiet tiegħu. Huwa jagħraf lill-persuna li mingħandha akkwistaw id-droga fir-ritratt esebit fil-proċess verbal bħala Dok. JF 6.[25] Dan ir-ritratt juri lill-imputata odjerna.

Fil-kontro-eżami tiegħu[26], l-istess **Michael Edward Cassar** jixhed hekk:

- Huwa ġie arrestat Kemmuna. Kienu *boat party*. Fuqu l-Pulizija sabu tliet *joints* u doża kokaina u ċioe` pakkett żgħir.

- Ġie arrestat ma' ħaddieħor. Forsi kien ilu nofs siegħu Kemmuna meta arrestawh.

- Ma kienx imur daqshekk ta' spiss il-każin tan-Nazzjonalisti tal-Mosta; kien imur imma mhux ta' spiss, forsi darba kull ħmistax. Ġieli mar iżjed u ġieli mar inqas. Kien imur jixrob. Huwa mill-Mosta. Ma jiftakarx eżattament kemm il-darba mar il-każin fix-xahrejn ta' qabel. Ġieli kien imur każini oħrajn ukoll. Iżda fil-każin tal-Mosta mar diversi drabi.

- Mistoqsi kif allura ma kienx jaf x'jisimha l-persuna li allegatament xtara d-droga mingħandha, jgħid illi n-nies tal-*bar* kienu jinbidlu ta' spiss hemmhekk. Wara l-*bar* kien ikun hemm tfajliet u ġuvintur. Kien ikun hemm diversi tfajliet wara l-*bar*.

- Ma jiftakarx meta ttieħdu proċeduri fil-konfront tiegħu. Huwa ġie akkużat b'pussess u weħel multa. Ma jiftakarx meta ġie deċiż il-każ, imma kien ilu.

- Mar għat-tieni stqarrija għax reġgħu bagħtu għalih u staqsewh numru ta' domandi. Dakinhar il-każ tiegħu kien għadu ma ġiex deċiż. Reġgħu staqsewh

[25] Ara a fol. 16 tal-proċess verbal.
[26] Ix-xhud xehed in kontro-eżami fl-4 ta' Marzu 2016.

l-istess affarijiet u reġa' qalilhom x'ġara dakinhar. Qalulu li riedu jiċċaraw xi affarijiet.

- Jikkonferma illi fl-ewwel stqarrija lil Carmen Camilleri ma kienx semmiha b'isimha għax ma kienx jaf x'jisimha.

- Huwa assuma li l-Pulizija sejħulu t-tieni darba sabiex jidentifikaha u huwa sar jaf x'jisimha għax fittex fuq *Facebook* wara li rċieva karta biex imur id-*Depot.* Fuq *Facebook* fittex il-wiċċ. Faċli ssib għax "*tara hbieb komuni u tibda tara l-friends taghhom*" u "*Tkun taf persuni komuni li jiffrekwentaw hemm hekk u tara minn hemm hekk*"[27]. Wasal li kienet hi għax il-wiċċ jiftakru.

- Suġġerit lilu illi f'Awwissu 2010 l-imputata lanqas kienet tkun il-każin, huwa jwieġeb illi kienet tkun hemmhekk u illi n-nies hemm kienu jinbidlu ta' spiss.

- Huwa kien imur filgħaxija ġeneralment jiġifieri l-każin kien ikun naqra mudlam, iżda jinnega li kien xi ħaddieħor. Huwa ċert li l-imputata kienet il-persuna in kwistjoni.

- Il-Pulizija wrewh xi erba' jew ħames ritratti, it-tieni darba li huwa mar. L-ewwel darba ma wrewhx ritratti.

- Huwa ma marx ifittex dwar iċ-Ċikonja fuq *Facebook* għax kien għadda ż-żmien, ma jafx kellux *Facebook* u ma kinux jiffrekwentaw nies komuni għax dan kien min-naħa ta' isfel ta' Malta. Fil-każ tal-imputata, it-tnejn kienu jiffrekwentaw ċirku ta' ħbieb komuni u kienet iżjed relatata mal-każ tiegħu. Iċ-Ċikonja kien fil-passat. Huwa wieġeb għal dak li ġie mistoqsi u li kieku ġie mistoqsi iżjed, kien iwieġeb ukoll, iżda ma setax jagħti iżjed dettalji.

- Ikkonferma illi huwa sab ritratt tal-imputata u għaraf li kienet hi u wasal għal isimha minn *Facebook.*

Da parti tagħha, l-imputata **Carmen Camilleri** għażlet li tieħu l-pedana tax-xhieda f'dawn il-proċeduri.[28] Hija tixhed hekk:

[27] A fol. 150 tal-proċess.
[28] Ara a fol. 162 sa 182 tal-proċess. Hija xehdet fit-28 ta' Ġunju 2017.

- Kienet kellmitha ċerta Charlene sabiex jidħlu bis-sħab fil-każin flimkien ma' ċertu Kevin. Kellmuh flimkien u ftehmu li jidħlu bi sħab bejniethom. Għalhekk il-każin kien f'idejha, u f'idejn Charlene u Kevin.

- Hija ma kinitx taħdem filgħaxija fil-każin. Ma setgħetx taħdem filgħaxija għax missierha kien marid serjament, ma setgħetx tħallih waħdu u kienet tieħu ħsiebu. Kienet tmur biss filgħodu biex tara li hemm *stock*, tordna l-i*stock*, timla' l-*fridge* bix-xorb, tara li hemm l-*appetizers* u li jkun hemm żgħar għall-*cash* billi ssarraf il-flus mill-bank jew mingħand tal-pastizzi, faċċata l-knisja. Kienet iddum xi siegħa u nofs. Waqt li kienet tkun il-każin, kien toqgħod Sharon, ħabiba tagħha, ma' missierha, li kienet tgħinha ħafna. Fil-*weekends* imbagħad kienet tnaddaf, għaliex fost il-ġimgħa, filgħaxijiet, kienu jnaddfu l-oħrajn fil-każin.

- Missierha kien ilu li marad minn qabel ħadu l-każin. Il-każin ħaduh fi Frar 2010 u ngħalaq f'Ottubru 2010. Missierha miet f'Ottubru 2010.

- Hi, Charlene u Kevin ma kinux jaħdmu fil-każin. Lilha kienet tidħlilha jumejn ċerta Jacqueline Farrugia, lil Kevin kien jidħollu wieħed imlaqqam 'it-Tivoli' u Charlene ġieli kienet tidħol hi u ġieli kienet tidħol oħtha. Hi kienet tidħol filgħodu. It-tisjir tal-*appetizers* kienet tagħmlu omm Kevin.

- Lil Emanuel Vella u Michael Cassar ma tafhomx. Qatt ma rathom u lilha ma jafuhiex. Dak li xehdu huma mhux minnu, iżda kollu gideb.

- Hija kienet tpejjep il-blokka ossia r-raża tal-*cannabis.*

- Hija għaddiet minn ħafna f'ħajjitha. Ommha mardet u ħadet ħsiebha. Il-ħabiba tagħha, Lucienne, ukoll għaddiet minn ħafna u hija kienet tgħinha. Lucienne kellha tifel marid bil-kliewi, siefruh barra minn Malta kemm il-darba u hi kienet tmur magħha. It-tifel miet. Eventwalment żewġet Lucienne wettaq suwiċidju u l-istess għamlet Lucienne ftit wara. Wara sitt xhur mietet ommha u hi kellha *depression* qawwija. Hemmhekk ma felħetx iżjed u bdiet tuża r-raża tal-*cannabis.* Dan kien fis-sena 2003.
- Hija ma riditx tirrikorri għall-kura medika wara li rat dak li kienet għaddiet minnu Lucienne. Lucienne kienet tieħu ħafna pilloli kontra d-*depression,* kienet tieħu l-pilloli, twaqqafhom u terġa' tibdihom u hi beżgħet li tispiċċa bħalha. Kien għalhekk li rrikorriet għall-*cannabis*, iżda qatt ma ħadet droga oħra.

- Fil-bidu kienet tixtri bil-biċċiet. Imbagħad staqsiet biex tara minn fejn setgħet tixtri nofs sapuna, dejjem għall-użu personali tagħha, għax ma kinitx tieħu gost tiltaqa' ma' ċertu nies ta' kull ġimgħa. Xrat nofs sapuna iżjed minn darba. Kienet iddum isserviha, ma tiftakarx eżatt kemm, iżda iżjed minn sitt xhur.

- It-tlettax-il biċċa raża li nstabu fil-*cupboard*, id-dar tagħha, kienet warrbithom. Ir-raża kienet skarsa meta xtrathom, għamlet ġimgħa mingħajrha u kienet ħa tiġġennen. Kienet sabet lil wieħed li qalilha li kellu ħmistax-il biċċa, xtrathom kollha għax ma kinitx tkun trid tinqabad mingħajrha, iżda din kienet ħażina. Pejjpet żewġ biċċiet u kienet warrbithom fil-*cupboard*. Ma ridithom tarmihom għax jekk terġa' tinqabad mingħajrha kienet iddur għalihom, u nsiethom hemm.

- Tirreferi għal dak li qalet fl-istqarrija rilaxxjata minnha u ċioe` s-segwenti:

> "Abbuz ta' droga qatt ma rajt gol-kazin. Pero ma nistax nghid x'kien isir fit-'toilets'. Darba pero' wara l-festa jigifieri fil-perjodu ta' bejn Awwissu u Ottubru 2010, jien kont qieghda wara l-bar gol-kazin, u fuq mejda ta' faccata tal-bieb ta' barra rajt linja trab abjad. Ma' dil-mejda kien hemm erba' zaghzagh li meta mort fuqhom qaluli li kienet Meow. Jiena rrabjajt maghhom u ghidtilhom li dawn l-affarijiet ma jsirux hawn gew u qlibtilhom is-sustanza minn fuq il-mejda."

- Dwar dan tispjega illi dakinhar hija ma kinitx il-każin. Kienet id-dar għand Sharon għax missierha kien l-isptar u ċemplitilha Jacqueline li qaltilha li ma kienx hemm *sound* fil-każin. Dan kien jitħaddem minn *laptop* li kien ikun wara l-*bar*. Peress illi Jacqueline ma kinitx taf tinnaviga fil-*laptop,* kienet marret il-każin malajr u rranġat is-*sound*, meta rat trab abjad fuq it-tieni mejda faċċata tal-bieb. Hija rrabjat u qalbitilhom il-mejda b'kollox għax hi ma kinitx tkun trid dawn l-affarijiet fil-każin.

- Sħabha ġieli talbuha nifs u tathom, bħalma anke hi ġieli talbet nifs u tawha. Ma kinitx tieħu pjaċir tagħti minn tagħha, tant li ma' sħabha kienet magħrufa bħala qammiela u ma kinitx turi x'tixtri. Dan kien kemm qabel iż-żmien tal-każin, kif ukoll fiż-żmien tal-każin.

- B'referenza għall-messaġġ li jidher fir-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada min-numru 9987 7635, u li jgħid hekk:

> "Aw karm isma amili pjacir jien xol sa 4 gibli wiehed min dawk biex kif imur i dar namel caffe u npejpu ax inhi jumejn ma nithol toilet qalxejn hadt bio 3.forsi namel ax xejn mjien komda."[29]

hija tgħid illi dan in-numru huwa ta' Jacqueline Farrugia u li din kienet ħalliet il-*cannabis grass* għandha, sabiex tużaha meta ma tkunx tista' tagħmel il-bżonnijiet tagħha. Meta kien jiġri hekk, din kienet titlobha biex tobromilha wieħed. Farrugia kienet toqgħod ħdejha. Hi ma kinitx tpejjep *cannabis grass*. Farrugia ħalliet il-*grass* għandha għax ma kinitx taf tobrom u dakinhar hija barmitilha sigarett mill-*grass* tagħha. Il-*grass* ma kienx tagħha, iżda ta' Farrugia. Hi kienet tpejjep raża biss. Il-Pulizija ma sabhuliex *grass* għax ma kellhiex. Farrugia ma kinitx tpejjep b'mod regolari. Jekk tiddobba xi *grass* kienet tħalliha għandha.

- B'referenza għall-messaġġ ieħor, din id-darba min-numru min-numru 7947 1324 li jaqra hekk:

> "Tahseb li tiddubbali illum?"[30]

hija tgħid illi n-numru ma tagħrfux u ma tiftakarx għalxiex kien qed jirreferi l-messaġġ. Iżda x'aktarx dan kien dwar flus, peress illi hija kienet issarraf il-flus. Kien ikollha ħafna flus żgħar il-każin u kull min kien jispiċċa bla żgħar, xi ħamest iħwienet fil-Mosta, kien iċemplilha jew jibgħatilha. Iżda ma kinitx ċerta.

- Illum tinsab taħt il-kura ta' Dr. Spiteri u kienet ilha ma tuża r-raża tal-*cannabis* għal dawk l-aħħar sentejn. Għal dan il-għan kienet u baqgħet tieħu l-kura mediċinali.

- Qabel kienet tpejjep kuljum, għalkemm ma setgħetx tgħid kemm. Taħseb li kienet trembel sebgħa jew għaxra kuljum. Sebgħa kienet trembilhom żgur. Il-*cannabis* kienet tgħinha biex torqod.

- Wara li saret taf x'kien jisimhom Emanuel Vella u Michael Cassar, ċemplet lil Kevin u meta qaltlu b'isimhom dan ġibed waħda u qalilha li dawn ħbieb tiegħu. Wara ġimgħa qalilha li kien mar ikellimhom sabiex jara għalfejn

---

[29] Ara a fol. 49 tal-proċess.
[30] Ara a fol. 53 tal-proċess.

għamlulu hekk u dan għaliex il-każin kien f'ismu wkoll. Wieħed minnhom tgħidx kemm beka u qal li mhux veru. Qalulu li riedu jgħidu l-verita` imma ma riedu jeħlu xejn. Marret għand l-Ispettur darbtejn biex tgħidlu dawn x'kienu qalu. Proprja Kevin kellem lill-Ispettur, imma hi kienet miegħu, u qallu b'dan kollu. Iżda l-Ispettur kien wieġeb illi jekk jgħidu hekk, jeħlu tliet snin ħabs.

Xehed ukoll **Kevin Bonello**, in difeża, li fl-eżami tiegħu jgħid hekk[31]:

- Ilu jaf lil Carmen qisu mis-sena 2009, meta kellu l-każin tal-Partit Nazzjonalista tal-Mosta f'idu. Kienet avviċinatu ħabiba tiegħu Charlene u qaltlu li hi u Carmen kienu qed ifittxu *bar*. Hu offriehom biex jidħlu sħab miegħu u huma aċċettaw.

- Huwa kien jagħmel xogħol ieħor u għalih il-każin kien qisu żejjed. Għalhekk daħħal lilhom miegħu, biex imexxu huma.

- Huwa ftit li xejn kien ikun il-każin u kien idaħħal lil ħaddieħor floku u ċioe` lil Mark, jgħidulu 't-Tivoli'. L-istess kienet tagħmel Carmen. Dak iż-żmien kellha lil missierha l-isptar u kienet tidħol ftit filgħodu sabiex issarraf il-flus u tieħu ħsieb l-*appetizers* għal filgħaxija. Matul il-ġimgħa kienu jidħlu darba kull wieħed jew is-sostitut tagħhom u fil-*weekend* kien ikun hemm tnejn. Charlene ġieli kienet iddaħħal lil oħtha minflokha. Matul il-ġimgħa kien ikun hemm hu jew ta' minfloku, jew Charlene, jew inkella Carmen jew ta' minflokha ossia Jacqueline.

- Jaf li saret stqarrija kontra Carmen u dan fis-sens illi hija biegħet xi droga. Min-naħa tiegħu, la fil-każin u lanqas barra, huwa qatt ma sema' jew ra li għamlet dawn l-affarijiet.

- Carmen kienet urietu ritratt ta' dawk li rrilaxxjaw stqarrija fil-konfront tagħha u meta rahom, infaqa' jidgħi għaliex dawn kienu ħbieb tiegħu.

- It-tnejn kienu ħbieb tiegħu, iżda l-iżjed li kien ħbieb ma' Michael Cassar, li kien ilu jafu snin. Kien ċempillu u qallu li xtaq ikellmu. L-għada Cassar kien mar ħdejn ix-xogħol tiegħu, in-Naxxar. Staqsieh x'kien ivvinta fuq il-każin u dan staqsieh kif sar jaf. "*Ghidtlu l-Mosta kollha saret taf x'ghamiltu. Kif ghidtlu hekk infaqa jibki u beda jispjegali x'ghamel. Qalli li kienu Kemmuna*

[31] Ara a fol. 199 sa 215 tal-proċess.

*u qabduhom b'xi drogi u l-pulizija meta nterrogawhom qalulhom li jekk jikxfu minn fejn xtraw id-drogi, bil-patt li ma jitilghux darba l-qorti*".[32] Qallu li vvintaw storja li xtraw mingħandha u li dan għamluh għaliex huwa kien żarma mill-każin u ħasbu li ma kellux x'jaqsam iżjed. Allura peress illi lil Carmen ma kinux jafuha u ma kellhomx interess fiha, ivvintaw din l-istorja fuqha. Huwa wieġbu illi lilu daħħluh fl-inkwiet xorta waħda ghax il-każin kien għadu jgħajjat lilu u li lil Carmen kienu daħħluha f'inkwiet ikbar. Qal lil Cassar biex jara kif se jirranġa din il-biċċa xogħol u dan qallu li kien se jagħmel li jista' u li kien se jerġa' jkellmu. Cassar ċempillu xi jumejn wara u qallu li tkellem mal-avukat, iżda l-avukat qallu biex ma jitkellimx iżjed miegħu u ma semax iżjed mingħandu.

- Imbagħad huwa kien mar ma' Carmen għand l-Ispettur Fenech. Qallu li tkellem ma' Cassar u li dan qallu li ddispjaċieh, iżda l-Ispettur qallu li ma jistax idawwar l-istqarrija għax jista' jeħel sa tliet snin ħabs jekk jagħmel hekk. Kien tkellem mal-Ispettur darbtejn. Jaħseb li darba kellmu qabel it-telefonata ta' Cassar u darb'oħra wara. Darba l-Ispettur qalilhom li kien hemm il-kelma tagħhom kontra dik ta' Vella u Cassar u t-tieni darba qalilhom li Cassar jista' jeħel il-ħabs.

In kontro-eżami, l-istess **Kevin Bonello** jixhed hekk:

- Huwa ma tantx kien ikun il-każin u qatt ma ra affarijiet. Ma kienx ikun hemm drogi. Fit-*toilet* ġieli sab xi boroż vojta. Ma jiftakarx li ra xi trab abjad fejn il-boroż fit-*toilet.*

- Carmen kienet tmur filgħodu u kien ikun hemm Jacqueline minflokha. Ġieli kienu jkunu hu u Carmen wara l-*bar,* imma rari.

- Barra mill-każin Carmen ġieli tatu *joint,* xi darba jew tnejn. Mar darba d-dar tagħha u pejjpu sigarett billi qasmuh bejniethom. Kellha *joint* u pejjpuh. Ma jafx il-*cannabis* kinitx fid-dar; hi ħarġet minn xi kamra b'*joint.* Dan kien fiż-żmien tal-każin, jiġifieri 2009 jew 2010. Hu dam sħab magħha bil-każin mill-bidu tas-sena 2010 sa Awwissu 2010 u dan seħħ fil-bidu qisu meta kienu sħab.

- Emanuel Vella u Michael Cassar kienu jmorru l-każin meta kien għadu jmexxih waħdu, iżda minn meta daħal bi sħab ma' Carmen ma marrux iżjed. Dan dejjem sa fejn jaf hu għaliex hu ma tantx kien ikun hemm.

---

[32] Ara a fol. 205 tal-proċess.

In ri-eżami, l-istess xhud ikompli hekk:

- Jikkonferma li Cassar qallu li Carmen ma kellhiex x'taqsam.

- Meta ħa l-*joints* ma' Carmen, Carmen tatu minn tagħha.

Fil-kontro-eżami ulterjuri jgħid hekk:

- Huwa kellem lil Cassar għax iżjed kien ħabib miegħu milli ma' Vella u li dan kien qallu li kien ser ikellem lil Manuel hu.

- L-aħħar li kellmu Cassar qallu li tkellmu mal-avukat u li riedu jaqtgħu l-kuntatt miegħu.

**L-Ispettur Johann J. Fenech** prodott mid-difiża, jixhed illi ma jeskludix illi kien kellmu Kevin, iżda ma jiftakarx. L-imputata kienet marret tkellmu żgur.[33]

**Kevin sive Sharon Briffa** prodotta mid-difiża, tixhed hekk[34]:

- Hi u l-imputata ilhom ħbieb tletin sena. Carmen kienet tgħix magħha u meta kellha lil ommha u lil missierha morda, hija kienet tmur tgħinhom ħafna għax Carmen kienet tgħix magħhom.

- Carmen kellha l-każin tal-Partit Nazzjonalista tal-Mosta u fl-istess żmien kienet tgħix ma' missierha. Peress illi missierha kien marid u ma jarax, hija kienet tgħinu ħafna, sakemm Carmen kienet tmur tnaddaf il-ħanut. Meta missierha kien ikun l-isptar, Carmen kienet tgħix għandha.

- Fil-ħanut Carmen kienet ma' tnejn oħra. Kienet tmur tnaddaf filgħodu, għax kienet tkun trid kollox bl-eżatt, u hija kienet tmur magħha meta missierha kien ikun l-isptar. Filgħodu kienu jġibu x-xogħol u kienet issarraf il-flus u filgħaxija ma kinitx tmur il-każin. Dan tafu għaliex Carmen kienet tkun magħha, apparti li missier Carmen kien marid.

---

[33] Ara a fol. 216 u 217 tal-proċess.
[34] Ara a fol. 221 sa 227 tal-proċess.

- Carmen żgur ma traffikatx droga għax dejjem id-dar kienet tkun ma' missierha. Huma kienu jkunu dejjem flimkien. Jekk missierha kien ikun l-isptar, kienet tmur għandha. Ġieli marret magħha l-każin ukoll.

- Filgħaxija Carmen ma kinitx tmur il-każin. Kienet tmur meta jinqala' xi ħaġa fil-mużika jew xi ħadd iċemplilha, bħal Pulizija, għax il-volum ikun għoli. Hija kienet tkun għandha filgħaxija.

Xehdet ukoll l-Uffiċjal tal-*Probation* **Anabel Bugeja**, li esebiet *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputata.[35]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok, jeħtieġ illi l-Qorti tiddetermina l-valur probatorju tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputata nhar il-21 ta' Jannar 2011. Kif jirriżulta mill-istess stqarrija, din ġiet rilaxxjata minnha wara li hija ngħatat is-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll il-jedd li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tagħha, liema jedd hija għażlet li ma teżerċitahx. L-imputata madankollu ma ngħatatx il-jedd li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorju tagħha, stante illi dan ma kienx viġenti fil-liġi Maltija fiż-żmien tal-każ odjern, iżda daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Fil-każ odjern, matul ix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, l-avukat difensur tal-imputata jirreferi lill-istess imputata għal xi tweġibiet partikolari fl-istqarrija rilaxxjata minnha u jitlobha tispjegahom. Fl-ebda waqt madankollu matul ix-xhieda tagħha, l-imputata ma tikkonferma l-bqija tal-kontenut tal-istess stqarrija, għalkemm fil-maġġor parti tagħha din ix-xhieda hija in linea ma' dak li hija tgħid fl-istqarrija. Il-Qorti tqis iżda illi tenut kont tal-fatt illi mill-istqarrija tirriżulta wkoll dikjarazzjoni li tikkontrasta ma' dak li tixhed l-istess imputata f'dawn il-proċeduri, in kwantu n-numru ta' *joints* li hija tgħid illi kienet tpejjep kuljum, liema dikjarazzjoni tista' tinċidi fuq il-kredibilita` tagħha fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, il-Qorti ser tiskarta din l-istqarrija tal-imputata, meħuda mingħajr id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tagħha, bħala nieqsa minn valur probatorju u dan fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss is-sentenzi fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et** (Qorti Kostituzzjonali, 5 ta' Ottubru 2018), **Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **Clive Dimech vs Avukat Ġenerali** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali

[35] Ara din ix-xhieda a fol. 185 sa 189 tal-proċess u s-*Social Inquiry Report* a fol.190 *et seq.*

(Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), **<u>Ir-Repubbblika ta' Malta vs Rosario Militello</u>** (Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali), 18 ta' Novembru 2021), kif ukoll **<u>Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat</u>** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **<u>Ir-Repubbblika ta' Malta vs Andrew Mangion</u>** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022).

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-Qorti sejra tikkunsidra <u>l-ewwel żewġ imputazzjonijiet</u> miġjuba kontra l-imputata, li permezz tagħhom hija tinsab akkużata talli biegħet jew xort'oħra traffikat ir-raża meħuda mill-pjanta *cannabis*, kif ukoll talli forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew tipprokura d-droga kokaina u dan fl-20 ta' Jannar 2011 u fix-xhur ta' qabel din id-data. Dawn ir-reati kif impostati mill-Prosekuzzjoni huma aggravati bid-distanza u dan stante illi allegatament dawn twettqu fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ ossia f'dan il-każ ġewwa l-każin tal-Partit Nazzjonalista tal-Mosta.

Mill-provi proċesswali jirriżulta illi dawn ir-reati ġew addebitati lill-imputata fuq skorta tal-istqarrijiet rilaxxjati minn Emanuel Vella u Michael Cassar fit-2 ta' Awwissu 2010 u fit-23 ta' Jannar 2011 rispettivament, liema stqarrijiet huma kkonfermawhom bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Dr. Edwina Grima nhar it-23 ta' Jannar 2011 u dan wara li nhar it-2 ta' Awwissu 2010, l-istess Vella u Cassar ġew arrestati ġewwa Kemmuna, meta Michael Cassar instab fil-pussess ta' tliet *joints* u borża kokaina, liema droga ġiet akkwistata minnhom it-tnejn għall-użu tagħhom, skont huma mingħand l-imputata ġewwa l-każin tal-Partit Nazzjonalista tal-Mosta, nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju 2010. Da parti tagħha, l-imputata tiċħad illi hija biegħet din id-droga lil Vella u lil Cassar u tgħid illi hija la tafhom u huma lanqas ma jafuha.

Il-Qorti qieset fit-tul il-kontenut tal-istqarrijiet u tax-xhieda ta' Vella u Cassar f'dawn il-proċeduri min-naħa l-waħda u x-xhieda tal-imputata u ta' Kevin Bonello min-naħa l-oħra, kif ukoll il-mod li bih jidher illi żvolġiet din l-investigazzjoni. Fl-ewwel lok, il-Qorti tifhem illi l-imputata ġiet identifikata mhux wara t-tieni stqarrija rilaxxjata minn Vella u Cassar fit-23 ta' Jannar 2011, għalkemm huma jidentifikawha u jsemmuha biss għall-ewwel darba b'isimha f'din l-istqarrija u mhux fl-ewwel stqarrija rilaxxjata minnhom fit-2 ta' Awwissu 2010. Fl-ewwel stqarrija tiegħu, Vella jindika illi din kienet mara u jagħti deskrizzjoni ġenerika tagħha, filwaqt illi Cassar jindika biss li kienet mara, u t-tnejn jgħidu li kienu qegħdin ġewwa l-każin tal-Partit Nazzjonalista meta akkwistaw id-droga, b'Cassar jispeċifika li dan kien tal-Mosta. Fil-fatt fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri l-Ispettur Johann J. Fenech jixhed illi wara li l-Pulizija kellha '*hint*' illi ġewwa l-każin tal-Partit

Nazzjonalista tal-Mosta kien qed isir xi traffikar u abbuż ta' droga, huwa beda bl-investigazzjoni tiegħu sabiex jara min kien imexxi dan il-każin u skopra li dawn kienu tlieta, li mill-atti proċesswali jirriżulta illi kienu l-imputata, Kevin Bonello u Charlene Fenech. Madankollu, għalkemm l-Ispettur Fenech jgħid illi l-Pulizija akkwistat l-informazzjoni dwar possibbli traffikar u abbuż ta' droga ġewwa l-imsemmi każin fis-sena 2011, jirriżulta illi l-ewwel stqarrija ta' Vella u Cassar ġiet rilaxxjata fis-sena 2010, apparti li jirriżulta wkoll illi f'Ottubru 2010, il-każin ingħalaq u għalhekk l-imputata, li kien ilha tmexxih waħedha minn Awwissu 2010, ma baqgħetx involuta fl-istess każin. Dan ifisser għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, illi l-Pulizija mxiet fuq l-informazzjoni li ngħatat minn Vella u Cassar f'Awwissu 2010, kif ukoll illi wara li l-Ispettur Fenech ivverifika min kienu l-persuni li dak iż-żmien kienu qed imexxu l-każin, huwa pproċeda billi talab għall-ħruġ ta' mandat fil-konfront tal-imputata, liema mandat ġie esegwit fir-residenza tagħha fl-20 ta' Jannar 2011. Dan ifisser ukoll illi l-imputata diġa` kienet ġiet identifikata mill-Pulizija qabel Vella u Cassar irrilaxxjaw it-tieni stqarrija tagħhom fit-23 ta' Jannar 2011.

Irid jingħad ukoll fir-rigward illi mix-xhieda ta' Kevin Bonello jirriżulta illi fil-konfront tiegħu kienu wkoll ittieħdu proċeduri in konnessjoni ma' dan il-każ, u mill-kontro-eżami tal-istess xhud, jirriżulta in oltre minn kliem l-Ispettur Fenech "*Ftakar li jien kont bgħatt għalik u kont arrestajtek u kont ghamiltlek search id-dar u kont gejt l-ufficcju tieghi biex nistaqsik xi mistoqsijiet*"[36]. Fil-kontro-eżami tiegħu, l-istess Spettur Johann J. Fenech jixhed fil-fatt illi huwa kien investiga wkoll lil Kevin Bonello u lil Charlene Fenech u ressaqhom ukoll.[37] Minkejja dan, madankollu, wara l-istqarrija rilaxxjata minn Vella u Cassar f'Awwissu 2010, ma jirriżultax illi saret xi tfittxija ġewwa l-każin in kwistjoni sa Ottubru 2010 ossia sakemm dan baqa' miftuħ u mmexxi mill-imputata. Wara l-istqarrija in kwistjoni, jidher illi l-Pulizija pproċediet billi għamlet tfittxija fir-residenza tal-imputata u f'dik ta' Bonello, skont kif jgħid l-Ispettur Fenech fil-mistoqsija tiegħu in kontro-eżami lill-istess Bonello. Hawnhekk irid jingħad illi minkejja li l-Ispettur Fenech jixhed illi kienet saret tfittxija fl-imsemmi każin, jirriżulta mix-xhieda ta' WPC 297 Leanne Spiteri, illi kull ma sar kien illi hija akkumpanjat lis-Supretendent Norbert Ciappara fuq il-post u hemmhekk elevaw xi *video recorder* li kien abbinat mas-*CCTVs* fl-istess post. Kif tixhed WPC 297 Leanne Spiteri, l-istess *recorder* ġie elevat l-għada tat-tfittxija fir-residenza tal-imputata ossia għalhekk dakinhar tal-interrogatorju tagħha fil-21 ta' Jannar 2010 u illi huma m'għamlu l-ebda tfittxija fil-każin, iżda llimataw ruħhom biss li jelevaw ir-*recorder* imsemmi minnha.

---

[36] A fol. 208 tal-proċess.
[37] A fol. 10 tal-proċess.

Il-Qorti tqis dubjuża x-xhieda ta' Vella u ta' Cassar kemm in kwantu l-mod kif huma jgħidu li ġew avviċinati mill-imputata ġewwa l-każin sabiex offritilhom id-droga, kif ukoll in kwantu l-mod li huma jgħidu li vverifikaw l-identita` tagħha wara li fittxew fuq *Facebook*. Jibda biex jingħad illi matul ix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, mistoqsi kif kien jaf illi seta' jinqeda mill-każin tal-Mosta, Vella jixhed illi huwa ġieli kien imur jieħu *drink* fil-każin u illi n-nies kienu jitkellmu. Madankollu, la hu u lanqas Cassar ma xehdu illi huma marru speċifikatament sabiex jinqdew għad-droga mill-każin fil-jum in kwistjoni, iżda jgħidu minflok illi huma kienu qed jitkellmu dwar il-*boat party* li kienu se jattendu għalih, u li l-imputata minn jeddha offrietilhom id-droga – dan meta fl-istess waqt huma jgħidu wkoll li lill-imputata lanqas kienu jafuha u illi kienu sempliċiment jarawaha wara l-*bar*. Fir-rigward il-Qorti tinnota wkoll illi Cassar anke jgħid illi huwa kien magħruf li jieħu d-droga okkażżjonalment u allura jimplika li kien għalhekk illi l-imputata offrietlu d-droga.

In oltre il-Qorti issib kemmxejn stramb ukoll il-fatt illi wara li l-Pulizija bagħtu għalihom it-tieni darba fuq il-każ tagħhom, Vella u Cassar marru fuq *Facebook* biex jidentifikaw lill-imputata, sabiex skont huma, kemm il-darba jiġu mistoqsija dwar dan, huma jkunu jistgħu jagħtu iżjed informazzjoni dwar l-imputata. Fir-rigward, Vella ma kienx għal kollox konsistenti fl-istqarrija u fix-xhieda tiegħu. Filwaqt illi fit-tieni stqarrija tiegħu huwa jgħid illi kien fittex dwar l-identita` tal-imputata fuq *Facebook*, mill-banda l-oħra in kontro-eżami u qabel ġiet moqrija lilu din il-parti tal-istqarrija tiegħu, huwa jgħid illi "*Staqsejtu u fittex Michael Cassar x'jisimha u sirt naf*"[38] u mistoqsi fejn fittex Cassar, huwa jwieġeb illi kellu jiġi mistoqsi Cassar u mhux hu. Wara li ġiet moqrija lilu l-istqarrija, ix-xhud imbagħad iwieġeb illi dakinhar huwa kien ma' Cassar, li kien fittex fuq *Facebook*.

Il-Qorti tqis illi iżjed preokkupanti madankollu hija x-xhieda ta' Kevin Bonello, prodott mid-difiża, li jixhed illi huwa tkellem ma' Cassar, li kien ħabib tiegħu, wara li sar jaf mingħand l-imputata li kienu Vella u Cassar li rrilaxxjaw stqarrija fil-konfront tagħha u li dan Cassar infaqa' jibki u qallu illi dak li huma kienu qalu dwar l-imputata ma kienx minnu, iżda għamlu dan sabiex ma jitressqux il-Qorti. Jixhed ukoll illi ftit tal-jiem wara dan Cassar ċempillu u qallu li kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu sabiex ma jkellmux iżjed. L-istorja madankollu ma waqfitx hemm, għaliex kif xehdu kemm Bonello u anke l-imputata, dawn marru jkellmu lill-Ispettur Fenech darbtejn dwar dak li kien intqal lil Bonello minn Cassar, iżda l-Ispettur għall-ewwel qal lil Bonello li dan kien każ ta' kelma ta' wieħed kontra l-kelma ta' ieħor u mbagħad illi kemm il-darba Cassar jirritratta mix-xhieda ġuramentata tiegħu, allura seta' jiffaċċja piena ta' priġunerija. Dak li jippreokkupa ferm lil din il-Qorti huwa

[38] A fol. 148 tal-proċess.

illi minkejja li Cassar qal dan id-diskors lil Bonello u skont hu, irtira miegħu dak li kien xehed fil-konfront tal-imputata u minkejja wkoll illi Bonello minnufih informa b'dan lill-Uffiċjal Prosekutur, dan tal-aħħar la jidher illi ħass il-ħtieġa li jkompli jew jerġa' jinvestiga l-każ billi jibgħat għal Cassar u lanqas illi jixhed dwar dan kollu f'dawn il-proċeduri. L-obbligu tal-Prosekuzzjoni f'kull każ huwa li tressaq il-provi kollha ossia kemm dawk kontra kif ukoll dawk favur imputat, b'dan għalhekk illi huwa bil-wisq evidenti illi l-Uffiċjal Prosekutur kellu l-obbligu li jixhed anke dwar dak li kien intqal lilu minn Bonello. Seta' kien il-każ illi l-Uffiċjal Prosekutur m'emminx dak li qallu Bonello, kif kellu kull dritt li jagħmel, iżda żgur illi ma setax jieqaf hemm u jmexxi fil-proċeduri bix-xhieda ta' Vella u ta' Cassar, mingħajr ma jinvestiga ulterjorment l-allegazzjonijiet li kien għamel Bonello fil-konfront tagħhom. Li kieku għall-grazzja tal-argument, kien biss meta xehed Bonello f'dawn il-proċeduri illi huwa għamel dawn l-allegazzjonijiet għall-ewwel darba fil-konfront ta' Cassar, allura l-istorja kienet tieħu xejra oħra. Iżda dan ma kienx il-każ għaliex Bonello jixhed illi huwa nforma b'dan kollu lill-Uffiċjal Prosekutur hekk kif tkellem ma' Cassar u anke qabel ma' Cassar ċempillu jumejn wara sabiex jgħidlu li kien ingħata parir legali sabiex ma jerġax jitkellem miegħu. Fir-rigward il-Qorti tinnota wkoll illi minkejja li l-Uffiċjal Prosekutur għamel domandi lil Bonello in kontro-eżami, fl-ebda ħin ma staqsieh jew merieh dwar dak li l-istess Bonello kien għadu kif xehed dwar kif dan kien infurmah b'dak li kien qallu Cassar jew dwar x'kien intqal minnu lil Bonello. In eżami, imbagħad, prodott mid-difiża, l-istess Uffiċjal Prosekutur jgħid illi għalkemm ma jiftakarx li Bonello kien mar ikellmu, dan ma setax jeskludih, iżda ftakar li l-imputata kienet marret tkellmu żgur. Fir-rigward l-imputata tixhed in linea ma' dak li xehed warajha Bonello u dan fis-sens illi hija kienet marret darbtejn għand l-Ispettur, flimkien ma' Bonello, sabiex dan tal-aħħar jgħidlu dwar dak li kien intqal lilu minn Cassar, iżda l-Ispettur weġibhom illi kemm il-darba Cassar u Vella jirritrattaw mill-verżjoni tagħhom, setgħu jeħlu l-ħabs.

Jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali illi meta Vella u Cassar irrilaxxjaw it-tieni stqarrija tagħhom lill-Pulizija nhar it-23 ta' Jannar 2011, li ġiet ikkonfermatha minnhom bil-ġurament fl-istess jum quddiem il-Maġistrat tal-Għassa, u li permezz tagħha huma identifikaw lill-imputata odjerna bħala l-persuna li kienet biegħet lilhom ir-raża tal-*cannabis* u l-kokaina, il-każ tagħhom kien għadu pendenti, li jfisser għalhekk illi huma setgħu jibbenefikaw mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta fil-proċeduri miġjuba kontra tagħhom. Għalkemm mill-atti proċesswali ma jirriżultax illi Vella u Cassar hekk ibbenefikaw, madankollu, fid-dawl tax-xhieda ta' Bonello, il-Qorti ma tistax tinjora dawn iċ-ċirkostanzi u illi żgur ma jistax jiġi eskluż illi l-intenzjoni ta' Vella u Cassar kienet illi huma jibbenefikaw minn din id-disposizzjoni tal-liġi, li għalkemm isservi ta' għodda importanti fil-ġlieda kontra d-droga, madankollu, taf tiġi abbużata minn min

ifittex illi jibbenefika minnha akkost anke li jidentifika persuna b'oħra bħala l-fornitur tiegħu tad-droga.

Fid-dawl tas-suespost, għalhekk, il-Qorti tqis illi ma tistax tistrieħ fuq ix-xhieda ta' Vella u Cassar in kwantu dawn xehdu illi l-imputata kienet forniethom bir-raża tal-*cannabis* u bil-kokaina. Fiċ-ċirkostanzi kollha fuq ikkunsidrati tqis illi konklużjoni ta' sejbien ta' ħtija fl-imputata a bażi ta' din ix-xhieda tkun *unsafe and unsatisfactory*. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi r-reat mertu tat-tieni imputazzjoni ma jirriżultax ippruvat fil-grad rikjest mil-liġi.

In kwantu r-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni, għalkemm bl-istess raġunament, il-Qorti tqis illi ma tistax issib ħtija fl-imputata a bażi ta' dak li xehdu Vella u Cassar fil-konfront tagħha, biss fix-xhieda tagħha, l-imputata tixhed illi hija ġieli tat nifs lil sħabha mill-*joint* tagħha u dan wara li xehdet ukoll illi hija kienet tpejjep ir-raża tal-*cannabis*. Tixhed ukoll illi dan għamlitu kemm fil-perjodu ta' qabel il-każin, kif ukoll fil-perjodu tal-każin ossia għalhekk bejn Frar 2010 u Ottubru 2010. Tixhed in oltre illi dawn sħabha ġieli kienu jkunu l-każin u illi ġieli talbuha nifs u tathom. Fir-rigward Kevin Bonello wkoll jixhed illi l-imputata qasmet xi *joint* miegħu f'xi żewġ okkażjonijiet, darba minnhom ġewwa d-dar tagħha. Jgħid illi huwa ma kienx ċert miż-żmien meta dan seħħ ossia fis-sena 2009 jew 2010, għalkemm jgħid ukoll illi dan seħħ fiż-żmien tal-każin, fil-bidu. Ikkunsidrat dan kollu għalhekk u anke fid-dawl ta' dak li tgħid l-imputata in kwantu ż-żmien li fih hija ġieli tat mill-*joints* tagħha lil sħabha, il-Qorti qed issib lill-imputata ħatja tal-ewwel imputazzjoni in kwantu traffikat ir-raża meħuda mill-pjanta tal-*cannabis*, b'dan ukoll illi l-Qorti qed tqis tali traffikar bħala wieħed *by sharing*, fit-termini tal-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' din l-ewwel imputazzjoni in oltre, jeħtieġ illi l-Qorti tqis ukoll il-messaġġi kontenuti fil-*mobile phone* tal-imputata tal-għamla Nokia 6120, kif riżultanti mir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada. L-imputata fl-ebda waqt ma tikkontesta illi dan iċ-ċellulari nstab fil-pussess tagħha jew li kienet tagħmel użu minnu hi, tant illi matul ix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri hija offriet spjegazzjoni dwar żewġ messaġġi li rċeviet u li jirriżultaw mir-relazzjoni tal-imsemmi espert. Il-Qorti eżaminat bir-reqqa dawn il-messaġġi u qieset b'mod partikolari s-segwenti, fil-kuntest ta' din l-imputazzjoni, kif ukoll fil-kuntest tat-tielet imputazzjoni, li permezz tagħha l-imputata tinsab akkużata bir-reat ta' pussess aggravat tar-raża tal-*cannabis* ossia illi fil-pussess tagħha hija kellha raża tal-*cannabis* li ma kinitx għall-użu esklussiv tagħha, u dan b'referenza għall-istess żmien tal-20 ta' Jannar 2011 u x-xhur ta' qabel din id-data:

| *Container* | Data/Ħin/Numru | Messaġġ |
|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| 125 *Inbox* | 29/10/2010 11:07:31 **+35699877635** | ***Aw karm isma amilli pjacir jien xol sa 4 gibli wiehed min dawk biex kif imur i dar namel caffe u npejpu ax inhi jumejn ma nithol toilet qalxejn bio 3.forsi namel ax xejn mjien komda.*** |
| 126 *Inbox* | 29/10/2010 11:07:59 **+35699877635** | *Thank u haq qal hara ha nigennen vera.* |
| 127 *Inbox* | 29/10/2010 11:21:58 **+35699877635** | *Aw vera karm matafx xi dwejaq uwx ma tithols i toilet qisni hobla minix komda.* |

Fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, l-imputata tittenta tispjega dan il-messaġġ billi tixhed illi dan intbagħat lilha minn Jacqueline Farrugia, ħabiba tagħha, kif anke jirriżulta pjenement mill-ammont ta' messaġġi li ntbagħtu mill-istess Farrugia lill-imputata u li skont l-istess imputata, kienet tgħinha fil-każin. Fir-rigward, hija tixhed illi Farrugia, li kienet tirrisjedi ħdejha, kienet tħalli l-*cannabis grass* tagħha ġewwa r-residenza tal-imputata u illi din kienet titlobha sabiex tobromilha *joint* bl-istess *grass* meta kien ikollha bżonn tagħmel il-bżonnijiet tagħha. Tixhed in oltre illi Farrugia kienet tħalli l-*grass* għandha stante illi l-istess Farrugia ma kinitx taf tobrom *joint*. Il-*grass* kien ikun ta' Farrugia, li ma kinitx tpejjep b'mod regolari, iżda xi kultant kienet tiddobba ftit *grass,* tant illi fir-residenza tagħha (tal-imputata), ma sabulha l-ebda *grass*. Tixhed ukoll illi hija ma kinitx tpejjep *grass,* iżda raża biss.

Il-Qorti tikkunsidra illi jeħtieġ illi tqis dan il-messaġġ u l-ispjegazzjoni mogħtija dwaru mill-imputata fil-kuntest ta' dak li nstab fir-residenza tagħha.

Jirriżulta mill-provi proċesswali illi l-imputata kienet fil-pussess ta' ammont sostanzjali ta' raża tal-*cannabis* u dan billi fil-pussess tagħha nstabu tlettax-il biċċa raża, tnax mil-liema kienu mremblin fil-*foil* u biċċa oħra, deskritta bħala nofs sapuna, li kienet f'kaxxa separata u kienet tinsab fil-plastik. Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut jirriżulta illi t-tlettax-il biċċa tar-raża kienu fil-maġġor parti pjuttost simili fil-piż, bis-segwenti piżijiet rispettivament: 5.58g, 5.78g, 5.75g, 5.24g, 6.28g, 6.49g, 6.85g, 7.22g, 6.69g, 6.07g, 5.92g, 7.08g u 2.36g. Il-biċċa l-oħra ossia in-nofs sapuna kellha piż ta' 111.92 grammi, filwaqt illi kien hemm ukoll żewġ biċċiet oħra tar-raża tal-*cannabis*, waħda li nstabet fil-*portmoney* tal-imputata, li kellha piż ta' 1.47 grammi u oħra li nstabet f'landa tal-ħadid f'piż ta' 4.81 grammi, flimkien ma' karti tal-brim, biċċa *aluminium foil* u pinzetta. Jirriżulta wkoll mill-

istess relazzjoni illi l-piż totali tar-raża tal-*cannabis* misjuba fil-pussess tal-imputata kien ta' 195.54 grammi. Jirriżulta in oltre illi fil-pussess tal-imputata nstabu wkoll miżien diġitali u żewġt iskieken li fuqhom instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol,* kif ukoll numru sostanzjali ta' boroż tal-plastik trasparenti, vojta u mhux użati, li kienu flimkien man-nofs sapuna, f'ammont totali ta' 56.[39]

L-imputata tilqa' għat-tielet imputazzjoni mhux billi tikkontesta l-pussess tad-droga li nstabet fir-residenza tagħha, iżda billi ssostni illi din kienet għall-użu personali u esklussiv tagħha.

Fir-rigward hija tixhed illi għaddiet minn żmien diffiċli ħafna f'ħajjitha u illi b'konsegwenza ta' dan, hija rrikorriet għall-użu tar-raża tal-*cannabis,* minflok xi forma ta' kura oħra u illi hija kienet tpejjep ammont ta' *joints* kuljum. Tixhed ukoll fir-rigward tat-tlettax-il biċċa raża li nstabu fil-pussess tagħha, illi dawn kienet xtrathom meta r-raża kienet skarsa u illi dawn kienu ħżiena u hekk kif sabet tixtri nofs sapuna, hija ħalliethom hemm u nesiethom, b'dan illi ma remithomx għal li jista' jkun. Tixhed ukoll illi din ma kinitx l-ewwel darba li xtrat nofs sapuna, illi kienet tippreferi tixtri ammont kbir f'daqqa sabiex ma toqgħodx tiltaqa' ma ċertu tip ta' nies u illi din ma kinitx l-unika nofs sapuna li kienet xtrat. Skont l-imputata, nofs sapuna kienet iddum isserviha iżjed minn sitt xhur żgur.

Għalkemm il-Qorti għandha r-riżervi tagħha dwar l-ammonti ta' *cannabis* illi l-istess imputata tgħid illi kienet tpejjep, kif se jiġi spjegat iżjed 'il quddiem, biss jirriżulta sodisfaċentement ippruvat mill-provi prodotti illi fil-fatt hija kienet tagħmel użu minn din id-droga u dan qed jingħad kemm fid-dawl tal-oġġetti li nstabu fir-residenza tagħha u li huma normalment assoċjati mal-użu tar-raża tal-*cannabis* ossia diversi karti tal-brim, kif ukoll għaliex fil-*portmoney* tagħha wkoll instabet biċċa raża, li tista' tindika li din kienet proprju għall-użu personali tagħha għaliex kienet iġġorrha magħha. Dan apparti x-xhieda ta' Kevin Bonello li jgħid illi l-imputata kienet offrietlu *joint* tal-*cannabis* ġewwa r-residenza tagħha u li dawn pejjpuh flimkien.

Fil-kuntest ta' dak illi nstab fir-residenza tal-imputata, u tal-fatt illi l-imputata stess kienet tagħmel użu mir-raża tal-*cannabis,* huwa ferm diffiċli għal din il-Qorti li temmen il-verżjoni mogħtija minnha fir-rigward tal-messaġġ mibgħut lilha minn Jacqueline Farrugia fid-29 ta' Ottubru 2010. Meta wieħed iqis l-ammonti ta' raża li nstabu fir-residenza tal-imputata, kemm għandha mis-sewwa u kemm hija probabbli l-verżjoni tal-imputata fis-sens illi hija kienet biss trembel *joint* bil-*grass* li forsi kienet tiddobba Farrugia, li ma kinitx tpejjep il-*cannabis* b'mod regolari, u li din

[39] Dan il-Qorti qed tgħidu għaliex hija stess rat l-esebiti u għaddet dawn il-boroż.

kienet tħalli fir-residenza tal-imputata? Fil-fehma tal-Qorti, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti tqis illi tali verżjoni la hija kredibbli u verosimili, la għandha mis-sewwa u lanqas ma hija probabbli, iżda tqis illi għandu iżjed mis-sewwa u huwa verosimili illi meta kien ikollha bżonn, bħal ma seħħ fid-29 ta' Ottubru 2010, Farrugia kienet titlob *joint* bir-raża lill-imputata u din kienet tagħtiha mir-raża li kien ikollha hi fil-pussess tagħha. L-imputata lanqas ma tellgħet lil Jacqueline Farrugia bħala xhud f'dawn il-proċeduri sabiex tikkonferma dak li sostniet fix-xhieda tagħha. Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-istess imputata ħatja ta' traffikar tar-raża tal-*cannabis* ai termini tal-ewwel imputazzjoni u per konsegwenza tal-pussess aggravat tal-istess raża ai termini tat-tielet imputazzjoni.

Hawnhekk il-Qorti qed tikkunsidra wkoll sett ta' messaġġi oħra li nstabu fil-*mobile phone* tal-istess imputata u li ntbagħtu lilha mill-istess numru u għalhekk ukoll mill-istess Jacqueline Farrugia:

| *Container* | Data/Ħin/Numru | Messaġġ |
|---|---|---|
| 221 *Inbox* | 12/11/2010<br>22:32:47<br>**+35699877635** | *Iftahli* |
| 222 *Inbox* | 12/11/2010<br>23:59:10<br>**+35699877635** | *Aw karm taf kif qeda ala bib zobbi min ta madwari ha ha. Narakhom ada.* |
| 223 *Inbox* | 13/11/2010<br>01:17:35<br>**+35699877635** | ***Ovja lil pejiptu bimbo ha ha aktar ala zobbi gejt +pop pop ha ha.*** |
| 224 *Inbox* | 13/11/2010<br>01:41:51<br>**+35699877635** | *Wisq zibel karm ha ha goodnight bazz tkun qek.* |
| 225 *Sent* | 13/11/2010<br>02:27:04<br>**+35699877635** | *G.n.isa ha ninfirdu , u taf kif gejna imbelhin* |

Dawn il-messaġġi, fil-fehma tal-Qorti, juru b'mod ċar illi nhar it-12 ta' Novembru 2010, għall-ħabta tal-10:30 p.m., Farrugia marret għand l-imputata, u li dawn sussegwentement infirdu, kif ukoll illi wara dan, Farrugia pejjpet, dak li ma jistax

ikun ħlief *joint*. Dan qed jingħad fid-dawl tal-effetti li tiddeskrivi Farrugia, in parte in linea wkoll ma' dak li tixhed l-imputata dwar ir-raġuni għaliex kienet tremblilha *joint*. Fit-tieni lok, il-Qorti tosserva illi Farrugia ma jidhirx li kienet wisq midħla tat-tipjip tal-*joints*, u dan qed jingħad fid-dawl tal-fatt illi tgħid "*bazz tkun qek*", li iżjed ikompli ma jħalli l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti illi ma kien minnu xejn li Farrugia kienet kultant żmien tiddobba l-*grass* mingħand terzi persuni. Dan apparti li fil-fehma tal-Qorti dawn l-aħħar messaġġi jkompli jsaħħu l-konklużjoni tagħha illi xi kultant l-imputata kienet tgħaddi xi *joint* lil Farrugia u dan mir-raża li kien ikollha hi stess fil-pussess tagħha.

Il-Qorti qegħda hawnhekk tikkunsidra wkoll illi kien konvenjenti għall-imputata li tispjega l-messaġġ ċitat iżjed 'il fuq billi tgħid illi hija kienet trembel *joint* bil-grass għal Farrugia mill-istess *grass* li Farrugia kienet tħalli fil-pussess tagħha, meta anke dan il-fatt jammonta tal-inqas għall-pussess aggravat tal-*cannabis grass* jew pjanta tal-*cannabis*. Il-Qorti tqis illi din il-parti tax-xhieda tal-imputata ma kinitx għajr tentattiv ta' ġustifikazzjoni ta' messaġġ, li jitkellem waħdu, liema ġustifikazzjoni – li kif ingħad mhijiex titwemmen minn din il-Qorti – fl-istess waqt ma tippreġudikax il-posizzjoni tagħha in kwantu l-imputazzjonijiet li qed tiffaċċja fil-każ odjern.

Kif ingħad għalhekk fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis illi kemm <u>l-ewwel imputazzjoni</u> in kwantu tirreferi għar-reat ta' traffikar tar-raża tal-*cannabis*, kif ukoll <u>it-tielet imputazzjoni</u>, jirriżultaw sodisfaċentement ippruvati.

In kwantu l-aggravju tad-distanza, kif abbinat mal-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tqis illi in kwantu l-messaġġi riżultanti mill-*mobile phone* tal-imputata u ċ-ċirkostanzi abbinati ma' dawn l-istess messaġġi, dan l-aggravju ma jirriżultax. Jirriżulta biss in kwantu dak li ngħad iżjed 'il fuq rigward traffikar *by sharing* da parti tal-imputata ġewwa l-każin tal-Partit Nazzjonalista tal-Mosta. Għalkemm fir-rigward, id-difiża ssostni fit-trattazzjoni finali tagħha illi min-natura tiegħu bħala każin, tali post ma kienx jippermetti li jidħlu żgħażagħ, u dan skont id-difiża, għaliex hemmhekk kien jinbiegħ l-alkohol, mill-provi prodotti jirriżulta xort'oħra. Fl-ewwel lok, fil-proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-parti tal-proviso rigwardanti l-aggravju tad-distanza li bih ġiet mixlija l-imputata, il-leġislatur jirreferi mhux għall-minuri, iżda għal żgħazagħ. Jirriżulta mill-istqarrija rilaxxjata minn Emanuel Vella, illi dan kellu 24 sena meta rrilaxxja l-istqarrija tiegħu nhar it-2 ta' Awwissu 2010, u illi Michael Cassar kellu 25 sena meta rrilaxxja l-istqarrija tiegħu fl-istess jum. Dawn kienu jiffrekwentaw il-każin. In oltre waqt ix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, l-imputata tirreferi għal dak li kienet qalet fl-istqarrija tagħha rigward il-fatt illi hija kienet rat xi trab abjad fuq mejda fil-każin u illi kienet irrabjat meta l-okkupanti tal-mejda qalulha li dan kien *Meow*. Fir-rigward l-istess imputata kienet stqarret hekk:

> "Darba pero` wara l-festa jigifieri fil-perjodu ta' bejn Awwissu u Ottubru 2010, jien kont qieghda wara l-bar gol kazin, u fuq mejda ta' faccata tal-bieb ta' barra rajt linja trab abjad. Ma' dil-mejda kien hemm erba' zaghzagh li meta mort fuqhom qaluli li kienet Meow. Jiena rrabjajt maghhom u ghidtilhom li dawn l-affarijiet ma jsirux hawn gew u qlibtilhom is-sustanza minn fuq il-mejda."

Minn dan jirriżulta allura li l-każin kien jiġi frekwentat miż-żgħażagħ, li jfisser għalhekk illi dan l-aggravju jirriżulta ppruvat, in kwantu r-reat ta' traffikar *by sharing* li tiegħu l-imputata qed tinstab ħatja. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Lawrence Fabri** tas-27 ta' April 2017, meta ġiet biex tikkunsidra jekk il-*bar* f'dak il-każ kienx post li fih normalment kienu jiltaqgħu ż-żgħażagħ:

> "Kwindi gjaldarba il-vettura tieghu kienet ipparkeggjata proprju vicin dan il-bar, post li gie ippruvat li kien iffrekwentat minn zaghzagh tant illi dak in-nhar kien ghaddej *birthday party* iffrekwentat minn zaghzagh fejn anke xehdet tfajla minorenni ta' hmistax-il sena certu Lisa Agius li stqarret mhux biss illi dak in-nhar kienet tinsab fil-bar izda li tiffrekwenta dan il-post regolarment flimkien ma' shabha, allura l-aggravanti jirrizulta ippruvat."

Hawnhekk il-Qorti tinnota wkoll illi fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2012, filwaqt illi l-Prosekuzzjoni talbet illi jiġi nominat espert b'referenza għad-distanza ta' mitt metru fit-termini tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, id-difiża ddikjarat, mingħajr ebda ammissjoni ta' ħtija da parti tal-imputata, illi ma kienx hemm il-ħtieġa għal din in-nomina, "*billi dan il-fatt mhux kontestat*"[40].

In kwantu t-tielet imputazzjoni li permezz tagħha, kif ingħad, l-imputata qed tiġi akkużata bir-reat ta' pussess aggravat tar-raża tal-*cannabis*, apparti l-kunsiderazzjonijiet tagħha iżjed 'il fuq in konnessjoni mal-*joints* li hija kienet tforni lil Jacqueline Farrugia li għalhekk wasslu lil din il-Qorti sabiex issib ħtija fl-imputata anke dwar ir-reat f'din l-imputazzjoni, il-Qorti qed tqis ukoll is-segwenti:

Minkejja li kif ingħad, l-imputata tixhed illi hija kienet tagħmel użu sostanzjali mir-raża tal-*cannabis* fiż-żmien in kwistjoni, u minkejja wkoll illi l-Qorti temmen li l-imputata kienet fil-fatt tagħmel użu minn din id-droga, biss il-Qorti tqis ukoll illi ma jirriżultax sodisfaċentement ippruvat sal-grad tal-probabbli, illi hija kienet tagħmel użu mill-kwantita` ta' raża li hija tgħid illi kienet tikkonsma fix-xhieda tagħha ossia bir-rata ta' seba' *joints* kuljum. Fl-ewwel lok, l-imputata tgħid illi hija kienet tikkonsma r-raża tal-*cannabis* sabiex din tgħinha torqod, li ma jikkombaċjax

[40] Ara a fol. 26 tal-proċess.

għalhekk ma' konsum ta' seba' *joints* kuljum. Fit-tieni lok, minkejja li tixhed illi fiż-żmien tax-xhieda tagħha ossia fit-28 ta' Ġunju 2017, hija kienet qegħda taħt il-kura ta' Dr. Joseph Spiteri u illi bil-kura li kienet qegħda tieħu kienet ilha sentejn ma tmissx droga, mir-rapport tal-Uffiċjal tal-*Probation* Anabel Bugeja esebit minnha fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2017, jirriżulta illi meta sar kuntatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* mal-istess psikjatra, dan qalilha illi l-imputata kienet ilha ma tattendi għandu u li ma kienx f'posizzjoni li jagħti informazzjoni dwarha.

Fi kwalunkwe każ, il-Qorti qegħda tqis ukoll, apparti l-ammont sostanzjali ta' raża tal-*cannabis* li nstabet fil-pussess tal-istess imputata, kif ukoll il-mod li bih kienu maqsumin it-tlettax-il biċċa li nstabu fir-residenza tagħha, in-numru ta' boroż vojta li nstabu fil-pussess tagħha. Minkejja li l-imputata xehdet fit-tul f'dawn il-proċeduri u tat spjegazzjoni għall-kwantita` ta' raża misjuba fil-pussess tagħha, baqgħet ma offrietx spjegazzjoni dwar dawn il-boroż; fir-rigward irid jingħad ukoll illi la ġiet mistoqsija dwarhom mid-difiża u lanqas mill-Uffiċjal Prosekutur. Il-Qorti qed tqis ukoll in-numru ta' messaġġi li nstabu fuq il-*mobile phone* tal-imputata fuq imsemmi. Kif ingħad il-Qorti eżaminat bir-reqqa dawn il-messaġġi u qieset b'mod partikolari s-segwenti, apparti dawk li diġa` ġew indikati iżjed 'il fuq:

| *Container* | Data/Ħin/Numru | Messaġġ |
|---|---|---|
| 133 *Inbox* | 30/10/2010 00:32:48 **+35679279913** | ***Mer int pv qeda? M ghandekx xi roti e?*** |
| 134 *Inbox* | 30/10/2010 01:47:23 **+35679279913** | ***Uz zob ok. Ilni nidaj qed party str8 foxx*** |
| 135 *Inbox* | 30/10/2010 01:47:23 **+35679279913** | *Fejn qeda mer? Ha nigi sa hdrjk* |
| 136 *Inbox* | 30/10/2010 01:48:55 **+35679279913** | *Ok ha nigi naqa s hemm lol* |
| 226 *Inbox* | 13/11/2010 07:55:55 **+35679471324** | ***Tahseb li tiddubbali llum?*** |

| | | |
|---|---|---|
| 227 *Sent* | 13/11/2010 09:25:01 **+35679471324** | *Iva ,ax isa qomt* |
| 326 *Inbox* | 24/12/2010 22:31:52 +35679777818 | ***Jien monique andi bzonn naqa self rasinp ha nirangaw al lejla?*** |

Apparti messaġġi oħra suspettużi li jistgħu (għalkemm mhux neċessarjament) ikunu relatati mad-droga bħal messaġġi mingħand persuni li jitolbu lill-imputata sabiex jgħaddu s'għandha jew sa ħdejha jew sabiex "*tellali wahda ghad xerin*" u "*tinsinix*", il-Qorti m'għandhiex dubju illi l-messaġġi fuq indikati fil-fatt jirreferu għad-droga. Il-messaġġi bin-numru 133 u 134 ċertament li jirreferu għad-droga, meta l-mittenti qed titlob lill-imputata għar-"*roti*", filwaqt li fl-istess ħin tidher dispjaċuta li qegħda f'*party straight* u li ma ħaditx it-tweġiba li xtaqet, u l-messaġġ bin-numru 326 ċertament li jirreferi għad-droga kokaina jew xi droga simili. Il-Qorti m'għandhiex dubju illi fl-10:30 p.m., lejliet il-Milied, il-mittenti ma kinitx qed titlob lill-imputata għad-dqiq. Fir-rigward tal-messaġġ bin-numru 226, l-imputata tittenta tispjegah fix-xhieda tagħha billi tgħid illi n-numru ma tagħrfux, li ma tiftakarx għal xhiex kien qed jirreferi, iżda jista' jkun u x'aktarx li kien qed jirreferi għall-flus, stante illi hija kienet issarraf ħafna flus żgħar għall-każin u fil-każin kien ikollha ħafna żgħar. Skont hi, b'referenza għall-ħwienet fil-Mosta, kull minn kien jispiċċa bla żgħar, kien iċempel jew jibgħat lilha. Biss il-Qorti tinnota illi l-imputata rċeviet dan il-messaġġ fit-13 ta' Novembru 2011 u għalhekk wara ż-żmien li hija kienet tmexxi l-każin, f'liema żmien allura l-imputata ma kellhiex iżjed il-ħtieġa li ssarraf il-flus.

Tenut kont tal-fatt illi tali messaġġi jindikaw illi l-mittenti kienu qed jitolbu d-droga lill-imputata, minkejja li ma tirriżultax il-prova li dak li kienu qed jitolbuha kienet ir-raża tal-*cannabis,* iżda fil-każ tal-messaġġi bin-numri 133 u 326, droga oħra, tenut kont ukoll tal-kwantitajiet ta' raża misjuba fil-pussess tal-imputata u l-mod kif din kienet maqsuma, u in oltre l-ammont sostanzjali ta' boroż li nstabu fil-pussess tagħha, il-Qorti tqis, apparti l-kunsiderazzjonijiet tagħha iżjed 'il fuq dwar il-*joints* bir-raża li hija kienet tgħaddi lil Jacqueline Farrugia, u minkejja illi l-imputata hija stess kienet tagħmel użu mir-raża tal-*cannabis,* illi t-tielet imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata fil-grad rikjest mil-liġi.

Finalment, in kwantu r-raba' imputazzjoni li permezz tagħha l-imputata ġiet akkużata bir-reat ta' pussess tal-pjanta tal-*cannabis* jew parti minnha, skartata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputata għar-raġunijiet fuq indikati, ma tibqa' l-ebda prova

in sostenn ta' din l-imputazzjoni u għaldaqstant, l-imputata mhux qed tinstab ħatja fir-rigward.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputata, li sal-20 ta' Ottubru 2020, ma kinitx waħda allarmanti u tikkonsisti f'kundanni dwar reati kontravvenzjonali, bl-aħħar waħda tirrisali għas-sena 1996.

Tqis ukoll in-natura serja tar-reati li dwarhom l-imputata qed tinstab ħatja, kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluż l-ammont ta' droga li nstabet fil-pussess tal-istess imputata, li kif ingħad, kien ammont sostanzjali.

Tqis ukoll ir-rapport redatt fil-konfront tal-imputata mill-Uffiċjal tal-*Probation* Anabel Bugeja, kif ukoll illi l-imputata tinsab ħielsa mid-droga u tgħix ħajja stabbli.

Tqis in oltre illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2011 u illi filwaqt illi l-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fi Frar tas-sena 2013, id-difiża finalment għalqet il-provi tagħha fi Frar 2020, kif ukoll fir-rigward, illi minkejja li xi differimenti kienu dovuti għall-fatt illi l-Prosekuzzjoni kienet sprovvista mir-riferta tan-notifika tax-xhieda Emanuel Vella u Michael Cassar li kienu meħtieġa mid-difiża in kontro-eżami, intalbu numru ta' differimenti mid-difiża.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i), il-proviso tal-Artikolu 22(2)(b) u l-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputata mhux ħatja tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u qed tilliberaha minnhom, filwaqt illi qed issibha ħatja tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tagħha (b'dan illi kif ingħad, l-aggravju tad-distanza jirriżulta biss in kwantu t-traffikar *by sharing* tar-raża tal-*cannabis*), u qed tikkundannaha fir-rigward għall-piena ta' **tmintax-il (18) xahar priġunerija effettiva** u **multa ta' elfejn, seba' mija u ħamsin ewro (€2,750)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas mill-ħatja f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħatja tonqos milli tħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit f'piena ta' priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qed tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż inkorsi fil-ħatra tal-esperti fil-mori tal-inkjesta dwar il-każ odjern ossia s-somma ta' erba' mija, tnejn u sittin ewro u erba' ċenteżmi (€462.04), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, is-somma ta' mitejn, disgħa u disgħin ewro u seba' ċenteżmi (€299.07), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, u s-somma ta' mija, sebgħa u sittin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€167.82), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni konġunta ta' PS 612 Theo Vella u PS 186 Kristian Mintoff, ammontanti b'kollox tali spejjeż għas-somma ta' disa' mija, tmienja u għoxrin ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€928.93), li għandhom jitħallsu mill-ħatja fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

Tordna l-konfiska tal-*mobile phones* tal-għamla Nokia 6120 u tal-għamla LG KF510, esebiti bħala Dok. MB 2[41], favur il-Gvern ta' Malta, ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali u tal-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti kollha relatati mad-droga esebiti mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, formanti parti mill-proċess verbal bin-numru 933/2011, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

Oriana Deguara
Deputat Reġistratur

[41] Ara a fol. 26 tal-proċess.